KUNSILL LOKALI TAS-SLIEMA
Triq Depiro,
Tas-Sliema, SLM 2037 – MALTA

TAS-SLIEMA

TAS-SLIEMA LOCAL COUNCIL
Triq Depiro,
Tas-Sliema, SLM 2037 – MALTA

Telephone: +356 2133 7633
Fax: +356 2134 5333
Email: sliema.lc@gov.mt
Website: sliemalocalcouncil.com

# LAQGĦAT TAL-KUNSILL TAT-TMIEN LEĠISLATURA - LAQGĦA NUMRU 14

l-erbatax il laqgħa tat-tmien leġislatura tal-Kunsill Lokali Tas-Sliema nżammet il-Ħamis 31 ta' Ottubru 2013 fis-6.30pm fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fi Triq Depiro, Tas-Sliema.

| | | |
|---|---|---|
| **PREŻENTI** | Anthony Chircop | Sindku |
| | Marianne Aquilina | Kunsillier |
| | Michael Briguglio | Kunsillier |
| | Lisa Cassar | Kunsillier |
| | Antoinette Castaldi Paris | Kunsillier |
| | Vivianne Galea Pace | Kunsillier |
| | Nicolai Gauci | Kunsillier |
| | John Pillow | Kunsillier |
| | Pierre Portelli | Kunsillier |
| | Paul Radmilli | Kunsillier |
| **UFFIĊĊJALI PREŻENTI** | Matthew Dimech | Segretarju Eżekuttiv |
| | Stefania Friggieri | Assistant Principal |
| **SKUŻAT** | Kris Busietta | Viċi Sindku |

*Is-Seduta bdiet b'din l-Agenda:*

1. *Approvazzjoni tal-Minuti*
2. *Materji konnessi mal-Minuti*
3. *Approvazzjoni tal-Pagamenti tal-Kontijiet*
4. *Rapporti mill-Kumitati u Sotto Kumitati*
5. *Sitwazzjoni finanzjarja tal-Kunsill Lokali*
6. *Suġġerimenti mill-Kunsilliera*
7. *Aġġornament*

1. **APPROVAZZJONI TAL-MINUTI**

1.1 Is-Sindku ressaq għall-approvazzjoni l-minuti tas-seduti 12_26/09/2013, 12_17/10/2013 u 12_23/10/2013 għall-approvazzjoni.

1.2 Ma kien hemm l-ebda korrezzjoni. Is-Sindku ppropona li jiġu approvati l-minuti tat-tlett seduti. Kien hemm qbil unanimu għall-approvazzjoni mill-Kunsilliera preżenti. *Approvazzjoni tal-minuti 12_26/09/2013, 12_17/10/2013 12_23/10/2013*

1.3 Is-Sindku informa lill-Kunsilliera preżenti li l-avviż dwar it-tender tat-Tiżjin tal-Milied li ħareġ b'mod urġenti se jagħlaq il-Ħamis. Sostna li minħabba l-urġenza taż-żmien il-Kunsill għandu jiltaqa malajr biex jiddeċiedi dwar l-offerti li se jintefgħu. *Tender tat-tiżjin tal-Milied*

*Daħlet il-Kunsilliera L. Cassar għas-seduta 6.40pm*

2. **MATERJI KONNESSI MAL-MINUTI**

2.1 Is-Segretarju Eżekuttiv informa li ġew iffirmati l-kuntratti tal-*Contracts Manager* u tal-Avukat u se jibdew minn għada l-1 ta' Novembru 2013. *Kuntratti*

2.2 Il-Kunsillier M. Briguglio saqsa dwar punt 2.2, dwar l-*maintenance agreement* tal-bandli. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li se jiġi ffirmat dalwaqt. *Bandli*

2.3 Is-Sindku rrefera għal punt 4.14 dwar il-monument ta' Tony Nichol. Kien hemm qbil li s-Sindku u l-Kunsillier N. Gauci se jikkordinaw sabiex jinbeda l-proġett. *Monument ta' Tony Nichol*

2.4 Is-Segretarju Eżekuttiv informa li CSD infurmaw lill-Kunsill li se jirtiraw mill-kuntratti tal-Bulky Refuse u tal-Latrini. Il-Kunsill għandu jibda l-proċess għal ħruġ ta' tenders godda. *Kuntratti*

2.5 Il-Kunsilliera V. Galea Pace irreferiet għall-istat tal-Ġnien Indipendenza. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li issa se jkollna l-*contracts manager* li se jibda jkun hemm aktar *monitoring* kif ukoll laqgħat regolari mal-kuntratturi. Filfatt, sar qbil li il-*contracts manager* jibda min rapport fuq l-istat tal-gonna. *Ġnien Indipendenza*

2.6 Dwar il-laqgħa tas-suġġerimenti s-Sindku informa li x-xogħol fi Triq Rudolfu tlesta u issa jonqos biss nirranġaw parti mill-bankini. Is-Sindku informa li għad fadal isiru anke l-marki tat-toroq. Il-Kunsillier M. Briguglio saqsa dwar ir-rampi. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li l-Kunsill se jistenna u jagħmel survey biex ma jkollniex problemi bir-rampi. Is-Sindku qal li l-marki tat-traffiku fi Triq Rudolfu jsiru wara li nkunu ċerti li x-xogħol ġie tajjeb. *Xogħlijiet fi Triq Rudolfu*

2.7 Dwar it-*traffic system* ta' Triq San Pawl, l-Kunsill bagħta lit-Transport Malta u approvaw parti minnha. Il-Kunsill ġie infurmat mir-residenti tal-petizjoni illi huma kuntenti bit-tibdil li sar. *Traffic System*

2.8 Is-Segretarju Eżekuttiv informa li l-kuntratt tal-iskart kien se jiġi deċiż fl-1 ta' Novembru 2013. Izda, l-Kunsill ġie infurmat li fl-aħħar siegħa reġa daħal appell, din id-darba fil-Qorti. F'dan l-istadju l-Kunsill għandu jerġa jistenna, *Kuntratt tal-Ġbir tal-iskart*

filwaqt li jitlob ghal parir tal-avukat Vassallo. Il-Kunsillier P. Radmilli saqsa jekk din is-sitwazzjoni tobbliganiex li nibqgħu ma' dan l-istess kuntrattur ta' S. Mifsud. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li l-kuntratt ilu skadut u l-Kunsill se jara mal-avukat tiegħu dwar dan il-każ. Il-Kunsill P. Radmilli qal li ma jara l-ebda raġuni li l-Kunsill għandu jibqa ma dan il-Kuntrattur.

2.9 Is-Sindku informa li dwar il-kuntratt tal-knis il-Kunsill ipprepera skeda biex jitnaddfu t-toroq bil-hinijiet ikunu dawk ta' filghodu biss. Il-kumpanija, izda, issugeriet illi l-knis isir matul il-gurnata kollha biex b'hekk jekk ikun hemm xi urġenza jew bżonn ta' kennies f'xi triq partikolari l-Kunsill ikollu dan is-servizz fil-ġurnata stess. Il-Kunsill qabel. *Indafa fit-toroq*

*Is-Sindku talab sospensjoni tas-seduta għall-item 5 biex l-accountant tal-Kunsill is-Sur C. Vella jispjega r-rapporti finanzjarji bejn Jannar u Ġunju 2013*

## 5. SITWAZZJONI FINANZJARJA TAL-KUNSILL LOKALI

5.1 Fost affarijiet oħra ġew diskussi u mmarkati dawn il-punti.

5.2 Il-Kunsill ġie infurmat li f'dan il-perjodu bejn Jannar u Ġunju il-Kunsill daħal aktar *revenue* milli kien ġie *budgeted*, ġie spjegat kif id-dħul ikun ikkalkulat minn permessi, LES, etc. Madankollu rigward in-nefqa rikorrenti, kien hemm qabża qawwija minn dak li allokajna. L-ispiża involviet l-aktar *patching*. Sadanittant il-Kunsill baqa għaddej bix-xogħlijiet, hemm ukoll deċiżjonijiet tal-Kunsill li għad iridu jitwettqu, allura l-ammont se jkompli jiżdied u li dawn l-ammonti se jidhru fir-rapporti ta' bejn Awissu u Diċembru 2013. Is-Segretarju Eżekuttiv sostna l-importanza li kull Kunsillier irid joqgħod attent għal li jiproponi, għaliex b'dan il-pass, il-fondi tal-Kunsill jistgħu ma jservux sal-aħħar tal-leġislatura. Il-Kunsill għamel ħafna xogħol fil-bidu ta' din il-leġislatura allura issa hemm bżonn li jiġu kkalkulati aktar l-ispejjeż.

5.3 Dwar spiza kapitali dawn inkludew l-aktar toroq ġodda li f'dan il-każ saret Triq il-Kulleġġ l-Antik, fejn wara li din giet certifikata mill-perit tal-Kunsill, dalwaqt ser isir il-hlas ta' madwar 116,790 ewro lill-kuntrattur. Il-Kunsillier M. Briguglio saqsa jekk in-nefqa tal-Bandli taqax taħt *Capital Expenditure*. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb fil-pozittiv, u dan peress illi ser ikun hemm bidla sħiħa tal-bandli.

5.4 Ġie diskuss ukoll iż-żebgħa tal-marki tat-toroq. Il-Kunsilliera M. Aquilina qalet li ilha titkellem dwar iż-żebgħa li qegħda tintuża għaliex imorru malajr. Il-Kunsillier M. Briguglio informa li fi Triq Depiro l-marki telqu wara ġimgħatejn. Is-Segretarju Eżekuttiv spjega li parti mil-problema mhux iż-żebgħa iżda kif tiġi mħallta. Spjega li għalhekk kienet tinżamm fl-uffiċċju tagħna biex iż-żebgħa tiġi mħalta fi presenza tagħna, madankollu kien hemm deċiżjoni li ż-żebgħa u *thinner* titneħħa mill-uffiċċju tal-Kunsill.

*Daħal il-Kunsillier J. Pillow fis-7.14pm*

5.5 Is-Segretarju Eżekuttiv reġa sostna li filwaqt li jifhem li l-Kunsill għaddej b'veloċita u n-nefqa msemmija saret sforz l-entużjażmu, saħaq l-importanza li l-Kunsill għandu jippjana u jutiliza l-*budget* b'mod għaqli biex l-allokazzjoni sservi għal leġlislatara ta' erba' snin. Fakkar ukoll li diġa hemm proġetti approvati li l-Kunsill għad irid iħallas għalihom.

5.6 Il-Kunsillier M. Briguglio qal li l-kumitat tal-finanzi għadu qatt ma ltaqa' darba u jixtieq li jibda jiltaqa' imqar kull tlett xhur. L-*accountant* tal-Kunsill qal li hemm bżonn u jkunu jistgħu jiġu diskussi l-*quarterly reports*. Il-Kunsillier M. Briguglio qal li importanti li kull kumitat joqgħod attent u jagħżel il-prijoritajiet.

5.7 Ġie nnotat ukoll li dan il-Kunsill din is-sena nefaq ħafna fil-korsijiet speċjalment tal-*Lifelong Learning* li kellna nħallsu wkoll għal attendant kif ukoll ukoll għall-kiri tal-iskola.

5.8 Is-Segretajru Eżekuttiv ġibed l-attenzjoni wkoll dwar in-nefqa għall-attivitajiet kulturali. Qal ukoll li għall-ħarġa li jmiss f'Novembru l-Kunsill se jkun qiegħed joħroġ somma żgħira biex jgħin lill-anzjani u jżomm il-ħlas tal-biljett kemm jista jkun baxx għal din il-ħarġa.

5.9 Is-Segretarju Eżekuttiv qal ukoll li minn mindu l-Kunsill ingħata f'idejh il-manutenzjoni tal-Ġnien Bonello Dupuis fi Qui Si Sana l-ispejjeż żdiedu aktar fosthom tad-dawl u ilma, tisqija u manutenzjoni tat-turf, tal-bandli etc. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li qabel il-budget kien kiteb ittra uffiċjali lill-Ministeru tal-Finanzi biex jikkonsidra li jalloka aktar finanzi għall-manutenzjoni tal-ġnien imsemmi. Is-Segretarju Eżekuttiv talab li għandha ssir pressjoni aktar min-naħa ta' kull Kunsillier biex il-Gvern jifhem il-pożizzjoni tal-Kunsill.

5.10 Il-Kunsilliera M. Briguglio u L. Cassar qablu li jekk il-Ministeru ma jgħinix f'dan l-istadju l-Kunsill għandu jneħħi t-turf.

*Daħal il-Kunsillier P. Portelli fit-8.10pm*

5.11 L-*Accountant* tal-Kunsill fakkar l-importanza li l-Kunsill japplika għall-fondi mill-EU. Il-Kunsillier P. Radmilli informa li hu flimkien mal-Kunsilliera M. Briguglio u L. Cassar qegħdin jiltaqgħu f'dan ir-rigward.

5.12 Il-Kunsillier P. Radmilli saqsa jistgħax isir xi haga oħra minflok it-turf jew fuq l-uzu tal-ilma. Il-Kunsillier M. Briguglio li l-Kunsill jista jsaqsi lil l-espert Marco Cremona li huwa espert fuq l-ilma.

5.13 Il-Kunsilliera preżenti approvaw b'mod unanimu r-rapporti finanzjarji bejn Jannar sa Marzu kif ukoll April sa Ġunju 2013. *Approvazzjoni tar-rapporti finanzjarji*

## 3. APPROVAZZJONI TAL-PAGAMENTI U TAL-KONTIJIET

3.1 Is-Sindku ippropona l-approvazzjoni tal-pagamenti. Il-Kunsillier J. Pillow issekonda. Kien hemm qbil unanimu fost il-Kunsilliera preżenti għall-approvazzjoni. *Approvazzjoni tal-pagamenti.*

## 4. RAPPORTI MILL-KUMITATI U SOTTO KUMITATI

4.1 Is-Segretarju Eżekuttiv informa li l-Kunsill irid joħroġ sejħa għat-tenders għal latrini pubbliċi u *bulky refuse* minħabba li CSD se jirtiraw mill-kuntratti. *Tenders – Latrini Pubbliċi u Bulky Refuse*

4.2 Is-Segretarju Eżekuttvi fakkar fid-*deadline* għall-artiklu tal-magazine mill-Kunsilliera minħabba li sat-tielet ġimgħa ta' Novembru l-materjal irid jintbagħat għal printing. *Magazine tal-Kunsill*

4.3 Kien hemm qbil li l-Kunsill jsejjaħ għal kwotazzjoni għal printing tal-fuljett, filwaqt illi d-dizinn isir fuq *direct order.* Is-Segretarju Eżekuttiv qal li din trid tiġi deċiża malajr minħabba ż-żmien. Il-Kunsillier M. Birguglio qal li l-Kunsillier P. Portelli jista jagħżel d-dizinn la darba hu l-editur tal-magazine. Kien hemm qbil dwar dan.

4.4 Il-Kunsillier P. Radmilli informa li l-kompetizzjoni ta' *video* qasir dwar *recycled waste* bhala parti mill-EWWR waslet fl-ahhar taghha. Iċ-ċans kien għal ġimgħa u ġiet estiża għal ġimgħa oħra biex jingħata aktar żmien. Il-bord biex jintgħażel l-aħjar *video* se jkun magħmul mis-Sindku u mil-Kunsilliera M. Briguglio, N. Gauci, P. Radmilli u P. Portelli. Il-Kunsillier P. Radmilli informa li l-*Green Pak* jixtiequ li jkunu fil-bord ukoll. Ma kienx hemm oġġezzjoni għal dan. Il-*Green Pak* għandhom iħallsu l-ispejjeż tal-poster li ser jitwahhal mill-Kunsilliera fil-flats. *Recycled Waste*

4.5 Il-Kunsillier P. Radmilli informa li jekk dan il-Kunsill jirbaħ il-kompetizzjoni ikun irid jikkompeti wkoll ma' pajjiżi oħra, jiġifieri l-Kunsill irid jagħti aktar *commitment.* Il-Kunsill qabel li l-Kunsilliera għandhom iduru kull *block* tal-apartamenti f'Tas-Sliema fejn iħallu poster b'informazzjoni dwar il-ġbir tal-iskart. Il-Kunsill qal li hemm madwar 500 *blocks*, iżda irid jiċċekkja wkoll mal-NSO.

*Il-Kunsilliera M. Aquilina ġiet skużata li titlaq fid-8.40.*

4.6 Il-Kunsilliera V. Galea Pace saqsiet dwar l-*embellishment* li kellu jsir fi Sqaq Luzzju. Il-Kunsill qabel li għalissa hemm prijoritatijiet oħra.

4.7 Il-Kunsillier P. Portelli informa li l-kumitat se jorganizza l-attivita għal *Rememberance Day.* Se jkun qiegħed ikellem l-iscouts u għandu jlesti programm.

*Il-Kunsillier N. Gauci ġie skużat li jitlaq mis-seduta 8.45pm*

4.8 Is-Sindku informa li l-Kunsill ġie mistieden għal Dar il-Kaptan. Il-Kunsill qabel li jinvolvi ruħu.

4.9 Is-Segretarju Eżekuttiv informa dwar il-Memo li l-Kunsill irċieva dwar l-Ammbaxxatur tal-Vot 16 li l-Kunsill irid jinnomina lil xi ħadd fi żmien ġimgħa. Il-Kunsillier M. Briguglio qal li hu ma jaqbilx li din hi xi ħaġa ta' malajr jaqbel li għandu jsir *interview* lill-persuna qabel ma tiġi nominata. Kunsilliera qablu li min ikun jaf xi had interessat, jibghat email bid-dettalji tal-istess persuna.

6. **SUĠĠERIMENTI MILL-KUNSILLIERA**

Ma kienx hemm suġġerimenti oħra.

7. **AĠĠORNAMENT**

7.1 Il-laqgħa ntemmet fid-21.00 u l-Kunsill aġġorna għal nhar il-Ġimgħa 8 ta' Novembru 2013 fis-6pm dwar tender - Tiżjin tal-Milied.

Minuti approvati llum

**Anthony Chircop**
**Sindku**

**Matthew Dimech**
**Segretarju Eżekuttiv**